Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Numru 744/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond D'Anastasi)**

**Vs**

Rodney Vella

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Rodney Vella ta' identita' numru 370079(M), akkuzat talli:

Fit-2 ta' Lulju 2004 ghal habta tal-hdax ta' filghodu gewwa Mikes Service Station sitwat fi Triq San Bastjan Hal-Qormi kkommetta serq ta' 'Mobile Phone' tal-marka Samsung li jiswa' Lm150 u credit card u dan ghad-dannu ta' Joseph Taliana liema serq huwa aggravat bil-mezz u ammont;

Sar recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma kkonfermati u ma jistghux jigu mibdula;

Fil-perjodu operattiv ta’ sentejn prigunerija sospizi ghall-erba’ snin, liema sentenza inghatat, giet ikkonfermata u ma tistax tigi mibdula fit-28 ta’ Ottubru 2002, ikkommetta reat punibbli bi prigunerija;

Kiser il-kundizzjoni tal-artikolu 5 tal-Kap 152 liema sentenza giet moghtija fis-27 ta’ Frar 2003 u li saret definnittiva u ma tistax tigi mhassra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat ta’ serq ta’ telefon cellulari u credit card ghad-dannu ta’ certu Joseph Taliana. Id-derubat ikkonferma pero’ quddiem il-Qorti li l-oggetti gew lilu restitwiti u ma rrisultax li kien sar xi uzu mill-credit card.

Mehuda in konsiderazzjoni dawn il-fatti din il-Qorti mhiex tal-fehma li ghandha timponi perjodu ta’ prigunerija fuq l-imputat u ser tghatih opportunita’ ohra.

Ghaldaqstant, rat l-Artikolu 261(b)(c), 264, 269, 278(2), 279(a), 49, 50 u 28A tal-Kap 9, u tiddecidi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tqieghdu taht il-harsien ta’ ufficjal tal-probation ghal perjodu ta’ tlett snin mill-lum fil-waqt li ai termini tal-Artikolu 28B(1) tistendi l-perjodu tas-sentenza sospiza tat-28 ta’ Ottubru 2002 ghall-perjodu iehor ta’ 3 snin dekoribbli mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------